MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 847/2007

Monique Troisi,
(karta ta' l-identita` numru 502182 (M)),
Christopher Troisi
(karta ta' l-identita` numru 204984 (M))
U
Marcelle Troisi
(karta ta' l-identita` numru 203485 (M)),
ahwa Troisi

vs

Kristino Abela u martu Maryanne Abela

Il-Qorti,

Illi permezz tar-rikors guramentat promotur ir-rikorrenti Troisi ppremettew is-segwenti:-

1. Illi in forza ta' skrittura tad-19 ta' April, 1994, Frederick Troisi ikkonceda b'kera lill-intimati l-fond numru

hamsin (50), bl-isem "*Petit Fleur*", Triq il-Qotton, Naxxar versu l-kera ta' mitejn Lira Maltin, (Lm200.00), fis-sena pagabbli bil-quddiem;

2. Illi r-rikorrenti huma l-eredi ta' Frederick Troisi li ghadda ghall-hajja ahjar fit-22 ta' Novembru, 2005;

3. Illi dina l-iskrittura kienet afflitta bi frodi, zball, vizzji u nuqqas ta' konsiderazzjoni u bi vjolenza;

4. Illi recentement l-esponenti dahlu ghall-eredita' u huwa biss issa li saru jafu bl-iskrittura u c-cirkostanzi taghha u dan minkejja li Frederick Troisi kien haj u ezercita kawza citazzjoni numru 1018/1996 li giet kancellata fit-13 ta' Jannar, 2005, u allura ma hemm ebda gudikat;

5. Illi mis-sustanza tal-iskrittura u mic-cirkostanzi taghha jidher li kienet serjament afflitta bil-vizzji fuq imsemmija u li dawn il-fatti gew a konoxxenza tar-rikorrenti biss issa u allura kull terminu beda jghaddi issa;

6. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbu biex din il-Qorti joghgobha:-

i. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-iskrittura tad-19 ta' April, 1994, kienet afflitta bi frodi, zball, vizzji u nuqqas ta' konsiderazzjoni u bi vjolenza;

ii. Tiddikjara u tiddeciedi li konsegwentement l-iskrittura hija nulla u inattendibbli u li konsegwentement l-konvenuti qed jokkupaw il-fond minghajr titolu;

iii. Tordna konsegwentement l-izgumbrament tal-intimati fi zmien qasir u perentorju;

iv. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Abela datata l-11 ta' Marzu, 2008, li permezz taghha rrispondew is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament jecepixxu l-preskrizzjoni tat-talbiet attrici *ai termini* tal-artikoli 1222 u 1223 tal-Kodici Civili ta' Malta, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll, l-istess rikorrenti ghandhom jipprovaw li huma hallsu l-ispejjez gudizzjarji kollha konnessi ma' kawza fuq l-istess mertu fl-ismijiet Frederick Troisi vs Kristino Abela (Citazz. 1018/96 RCP), liema kawza giet ikkancellata fit-13 ta' Jannar, 2005;

3. Illi preliminarjment ukoll, l-atturi ghandhom jippruvaw li huma l-eredi tad-defunt Frederick Troisi;

4. Illi sussidjarjament u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li ma ssoddisfawx l-elementi rikjesti mil-ligi;

5. Illi l-esponenti jichdu li l-iskrittura annessa mar-rikors guramentat, (ara fol 3), hija afflitta mill-vizzji imsemmija;

6. Salv eccezzjonjiet ulterjuri;

7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha, diversament preseduta datat it-2 ta' April, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma' l-provi, (ara fol 15 );
Rat id-digriet ta' dina l-qorti datat 4 ta' Dicembru, 2008, fejn ordnat lil assistent gudizzjarju tisma' l-provi dwar l-ewwel eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni, (ara fol 22);
Rat id-dokumenti kollha esebiti;
Ezaminat ix-xhieda prodotta quddiem l-assistant gudizzjarju fuq riferita;
Rat il-verbal datat l-24 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu il-partijiet gew awtorizzati jittrattaw din l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni kemm bil-miktub kif ukoll oralment, (ara fol 88);
Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi, (ara fol 92 u 93);
Ikkunsidrat:
Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna, limitatament ghal ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti huma l-eredi ta' Frederick Troisi, li kien guvni, kellu madwar sebghin sena meta miet, u kien gie jghix hawn Malta mill-Awstralja;
2. Illi meta xtara l-fond numru hamsin, (50), "*Petit Fleur*", Triq il-Qoton, Naxxar, kien mar ighix hemm wahdu u kien hawn li kien applika mal-Gvern biex jibghatulu "*cleaner*" ghaliex kien avanzat fl-eta` u kellu bzonn l-ghajnuna;
3. Illi kien ghalhekk li l-istess Frederick Troisi iltaqa' mal-intimata;
4. Illi l-intimata jirrizulta li kellha problemi bid-dar taghha u irnexxielha tikkonvinci lill-imsemmi Frederick Troisi biex tmur tghix mieghu bl-intendiment li tiehu hsiebu;
5. Illi r-rikorrenti jinsistu li l-intimata gieghlet lil Frederick Troisi jaghmel tibdiliet fid-dar tieghu, b'dana li biddel il-kcina u s-salott, u jixtri vettura bl-iskuza li l-intimata tohorgu fiha.
6. Illi l-intimata tirribatti u tinnega li kienet hi li gieghlitu jixtri l-imsemmija vettura, izda tametti li kienet talbitu jaghmel xi tibdiliet fid-dar biex tkun aktar komda minhabba li kienet ser tmur toqoghod hemm flimkien mat-tfal u r-ragel taghha.
7. Illi l-intimata tinsisti wkoll li hi kienet taht l-impressjoni li l-imsemmi Frederick Troisi ma kellux qraba hawn Malta u kien biss meta l-Gvern itterminalha l-impjieg, peress li kienet marret toqoghod fl-istess residenza tieghu li saret taf li kien ghamel rapport certu Joseph, li kien neputi ta' Troisi.
8. Illi l-intimata tikkonferma li kienet ghamlet kuntratt ma' Frederick Troisi fid-19 ta' April, 1994, fejn gie pattwit li l-fond fejn kien jabita Troisi kien qed jigi mikri lill-intimati ghal mitejn Lira Maltin, (Lm200.00), u cioe`, ekwivalenti ghal erba' mija u sitta u sittin Ewro (€466.00), fis-sena;
9. Illi l-atturi, pero` fethu dawn il-proceduri, precisament fuq dina l-iskrittura ghaliex hassew li dina hija nulla peress li saret bi frodi, zball, vizzji u nuqqas ta' konsiderazzjoni u bi vjolenza da parti tal-konvenuta u dan sintetikament minhabba dawn ir-ragunijiet:-

i. Illi primarjament, Frederick Troisi beda jigi ttratat hazin mill-intimati fejn poggewh go zewgt ikmamar nonostante li d-dar kienet wahda kbira;
ii. Illi l-kmamar kienu mahmugin u l-intimata qatt ma kienet tnaddaflu;
iii. Illi ma kienux jaghtuh jiekol sew u ttraskurawh;
iv. Illi t-tifla tal-intimati kellha t-tfal minn barra z-zwieg u d-dar in dizamina kienu ghamluha qisha burdell, bil-konsegwenza li sahanistra Frederick Troisi tant idejjaq li kien spicca biex xtara appartament il-Qawra u mar ighix hemm;
v. Illi kien f'dak iz-zmien li Frederick Troisi kien jilmenta li l-intimata kienet dahket bih, ghaliex kien ghamel skrittura maghha biex tassigura ruhha minn certa protezzjoni;
vi. Illi Frederick Troisi jirrizulta li haseb li jekk kien ser jikkuntentaha billi jaghtiha dina l-protezzjoni u l-affarijiet kienu ser jirritornaw ghan-normal;
vii. Illi l-intimata kienet bdiet tibza' li jekk imut Frederick Troisi kienet titkecca mid-dar minn missier l-atturi, li effettivament kien in-neputi ta' l-imsemmi Frederick Troisi;
viii. Illi, minkejja li Frederick Troisi kien lest li jikkuntenta lill-intimata, ma jidhirx li kien ried jikrilha l-post in dizamina u kien dispost li jmur ghand in-Nutar tal-familja, in-Nutar Tonio Spiteri, izda l-intimati kkonvincewh biex imorru ghand Nutar iehor;
ix. Illi jirrizulta li kien hawn li sar l-qerq ghax l-intimata kienet gieghlet lil Frederick Troisi jiffirma skrittura ta' kera, meta dan qatt ma kellu l-intenzjni li jaghmel din il-kirja u dan jirrizulta peress li ghalkemm fl-iskrittura hemm miktub li l-intimata kellha thallsu mitejn Lira Maltin, (Lm200.00), fis-sena, hu xorta baqa' jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u anke rrifjuta l-istess kera li kienet qed tigi ddepositata l-Qorti;
x. Illi, ghal finijiet ta' preskrizzjoni, r-rikorrenti jinsistu li saru jafu b'dina l-iskrittura biss meta saru eredi ta' Frederick Troisi u kienu ghadhom qed jiddeciedu jekk jaccettawx il-wirt jew le;
xi. Illi b'hekk kienu istitwew dawn il-proceduri;

xii. Illi nonostante dan, tirrizulta wkoll xhieda kontrastanti rilaxxata mill-genituri tar-rikorrenti li jikkonfermaw li kienu jafu qabel b'dina l-iskrittura ghaliex l-ghada li saret l-iskrittura Frederick Troisi kien mar ghandhom u ammetta li kien ghamel zball u li l-intimati kienu dahku bih;

xiii. Illi jirrizulta li Frederick Troisi kien xtaq li jaghmel skrittura li l-intimata kienet ser tobbliga ruhha li tiehu hsiebu u bhala kumpens setghet toqghod go daru u li qatt ma kellu l-intenzjoni li jikrilha d-dar tieghu;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-provi li nstemghu kienu limitati ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 1222 u 1223 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament dawk rigwardanti l-perjodu ta' sentejn minn meta sar il-kuntratt jew ta' sentejn minn meta spiccat il-vjolenza jew gherq allegat;

2. Illi, ghalhekk id-decizjoni dwar din l-eccezzjoni hija intrinsikament marbuta mal-fatt jekk l-iskrittura saritx b'qerq jew frodi, kif qed jallegaw ir-rikorrenti stante li jekk dawn ma jirrizultawx, l-istess eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma treggix;

3. Illi, ghalhekk, ikun opportun li dina l-eccezzjoni tigi kkunsidrata flimkien mal-mertu tal-kawza;

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, in vista tal-premess, tirrizerva li tipprovdi fuq dina l-eccezzjoni meta tiddeciedi anke l-mertu tal-kawza u ghalhekk, filwaqt li tirriserva l-kap ta' l-ispejjez ghall- gudizzju finali, tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu u tappunta l-istess ghall-kontinwazzjoni wara li tisma' lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

__________________________

Onor.Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------